# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001.**

**Numru 11**

**Citaz. numru 349/94 JF**

**Leslie Causon ghan-nom u in rappresentanza ta' Gasan Insurance Agency Limited u din bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera General Accident Fire and Life Assurance corporation plc ta' Perth, Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Maruti Motors Limited skond il-ligi u skond il-polza ta' assigurazzjoni (Claim 939019)**

**vs**

**James Gustaf Gollcher ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' O.F. Gollcher & Sons Ltd u din bhala agent ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' esera Nippon Yusen Kaisha NYK Line u lil Godwin Abela ghan-nom u in rappresentanza ta' The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti;**

**L-ATT TAC-CITAZZJONI**

Is-socjeta' assiguratrici attrici bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera General Accident Fire and Life Assurance Company plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Maruti Motors Limited ipprocediet kontra s-socjeta' O.F. Gollcher & Sons Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera Nippon Yusen Kaisha NYK Line kontra s-socjeta' The Cargo Handling Company Limited b'dan l-att tac-citazzjoni :-

> "Premess illi s-socjeta' Maruti Motors Limited importat mill-India ghal Malta konsenja ta' 121 karozza tad-ditta Maruti u 5 kaxxi accessorji liema merkanzija wasslet Malta fil-jew ghall-habta tat-12 ta' Marzu 1993 abbord il-vapur MV LE Castellet a bazi ta' polza ta' karigu maghmul mill-konvenut Gollcher nomine.
>
> Premess illi meta l-imsemmija merkanzija giet rilaxxjata nstabu diversi hsarat u nuqqasijiet u dan fil-valur ta' Lm343.87.
>
> Premess illi l-konvenuti jew min minnhom huwa responsabbli ghall-imsemmija hsarat/nuqqasijiet.
>
> Premess illi l-attur nomine kkompensa l-assigurat tieghu Maruti Motors Limited u gie debitament surrogat.
>
> Premess illi l-konvenuti interpellati sabiex ihallsu baqghu inadempjenti.
>
> TALBU li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :-
>
> 1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-imsemmija hsarat/nuqqasijiet.
> 2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm343.87 ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni."

## ECCEZZJONIJIET

Is-socjeta' O.F. Gollcher & Sons Limited nomine hekk eccepiet ghat-talbiet attrici :-

"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjenti nomine mhumiex responsabbli ghall-hsarat u nuqqasijiet allegati.

2. Illi subordinatement u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-interessi legali ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (sentenza ta' l-Appell Sede Kummerc : Citaz. Numru 112/86 – 6.4.92 – Dr. R. Staines et noe vs Chev. Silvio Mifsud noe et)."

Is-socjeta' The Cargo Handling Company Limited hekk eccepiet ghat-talbiet attrici :-

"1. Illi preliminarjament ghandu jigi esebit l-allegat kuntratt jew ftehim ta' agenzija li s-socjeta' attrici qed tallega li ghandha mas-socjeta' assiguratrici estera.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi esebit il-mod u/jew ic-cheque li bih sar il-pagament ta' Lm343.87,0 lil Maruti Motors Limited.

3. Illi ai termini tal-Art. 16 tal-Port Ordinance 1962, l-esponenti mhux responsabbli ghall-allegati hsarat, stante li tali dikjarazzjoni, la darba l-Gate Pass Out gie ffirmat clean jesimi lill-esponenti minn kull responsabbilita'.

4. Illi di piu u fil-meritu, l-impurtatur nnifsu ffirma l-Gate Pass Out tramite r-rappresentant fejn huwa ddikjara li rcieva l-vetturi "in good order and condition" (bl-eccezzjoni ta' erba' (4) kaxxi spare parts li gew innotati li kienu bil-hsara waqt il-hatt tal-merkanzija kif ukoll waqt il-konsenja ta' l-istess) bla ma ghame

jew insista ghall-ebda rimarka dwar l-istess u ai termini tas-sentenza datata 19 t'Awissu 1992, fl-ismijiet "Reginald Micallef vs James Gollcher u Karl Gollcher u Godwin Abela u John Cavallo" (Citaz. Numru 1103/93) – Qorti ta' l-Appell – Sede Kummercjali, s-socjeta; konvenuta m'hijiex responsabbli ghall-allegati danni.

5. Illi di piu ai termini ta' l-istess polza, l-assigurat kiser il-kundizzjonijiet ta' l-istess peress li ffirma l-istess Gate Pass Out bla ebda riserva, b'dan is-socjeta' attrici lanqas kienet obbligata thallas lill-assigurat u b'hekk lanqas ghandha Locus Standi fil-kawza.

6. Illi l-esponenti jirreferu ghas-sentenza dwar l-interessi jiddekorru meta l-ammont jigi likwidat, stante li si tratta dwar kawza ta' danni (Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell – Sede Kummercjali – deciza fis-sitta ta' April 1992 – Citaz. Numru 112/86) fl-ismijiet Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo u KF 811/92 Dr. Robert Staines u S. Mifsud u Godwin Abela deciza fit-tlieta (3) ta' Frar 1994.

7. Illi ghalhekk il-konvenuti mhumiex responsabbli ai termini ta' l-artikolu 70 tal-Port Regulations sub-inciz (3) u l-artikolu 90 tal-Port Regulations ()Part VII) warehousing/goods stored in the open and deposited in the open always at the sole risk of the owner, u ghall-artikolu 86 dwar il-Portijiet tal-1966 dwar pakki difettusi.

8. Illi ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd ma tistax tinsab responsabbli."

**<u>DECIDE</u>**

B'sentenza tat-2 ta' Novembru 1995, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Gollcher nomine u ghalhekk cahdet it-talbiet attrici fil-konfront tieghu bl-ispejjez gudizzjarji relattivi ghall-attur nomine ; laqghet it-talbiet attrici kif dedotti u ghall-ammont mitlub kontra l-konvenut Godwin Abela nomine u kkundannatu ghalhekk li jhallas l-ammont mitlub

flimkien mal-interessi kalkolati mill-prezentata tac-citazzjoni sal-hlas effettiv, kif ukoll biex ihallas l-ispejjez gudizzjarji hlief dawk relattivi ghall-konvenut Gollcher nomine.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA.**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> "Ikkunsidrat li mill-provi li gew prodotti fil-kawza jirrizulta li l-assigurat tas-socjeta' attrici importa f'Malta konsenja ta' mija u wiehed u ghoxrin (121) vettura tal-marka Maruti, li kienu gew trasportati fuq il-vapur M.V. La Castellet li dahal fil-port fit-12 ta' Marzu 1993. Ma' dawn il-vetturi kien hemm ukoll konsenja ohra ta' kaxxi kontenenti accessorji pero' dwarhom l-attur nomine mhuwiex ikkoncernat ghall-fini ta' din il-kawza u li fiha qieghed jillimita ruhu ghal hsarat/nuqqasijiet li gew riskontrati fuq xi whud mill-imsemmija vetturi.
>
> Illi mill-provi m'hemmx dubbju li f'xi stadju gie nnotat li parti minn dawn il-vetturi kienu danneggjati leggerment jew inkella kellhom xi partijiet minnhom neqsin u dan kollu gie kostatat permezz ta' "survey" akkurat effettwat minn Joseph Buttigieg li jahdem proprju bhala "car surveyor" ghal rasu u li xehed in konferma tas-"survey report" – fol. 8 li sar minnu. Jirrizulta li b'kollox gew kagjonati danni ghall-ammont komplessiv ta' Lm428.93c. Minn din is-somma l-attur nomine naqqas Lm85.06 bhala "excess" dovut mill-assigurat, b'dana li allura l-assigurat thallas kumpens ta' Lm343.87c – jigifieri dak l-ammont l-attur nomine qieghed jirreklema fit-talba tieghu. Il-konvenut Abela nomine fl-ahhar nota tieghu jallega li f'kull kaz id-danni pretizi kienu esagerati f'dawk li huma prezzijiet pero' fl-istess waqt tali asserzjoni baqghet ma gietx sostnuta bi provi idoneji. U ghalhekk bhala "quantum" ta' danni, l-ammont talvolta x'jithallas huwa ezat kif gie mitlub mill-attur nomine.
>
> Illi dwar il-konvenut James Gustaf Gollcher nomine, l-attur nomine ddikjara – ara verbal datat 5 ta' Lulju 1995, a fol. 58 tal-process – li minhabba li mill-"joint tally sheet" prodotta fil-kors tal-kawza ma jirrizultax li kien hemm xi responsabbilita' attribwibbli lil

Gollcher nomine allura huwa ma kienx jinsisti fuq it-talba tieghu di fronte dan il-konvenut u ghalhekk it-talba tieghu kellha tibqa' diretta biss kontra l-konvenut Abela nomine biss. Fl-ahhar nota tieghu pero' l-attur nomine ssottometta li kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez, il-konvenut Gollcher nomine kellu jissaporti l-ispejjez tieghu billi pprezenta biss it-"tally sheet" kongunta fuq imsemmija wara li saret il-kawza u mhux qabel. Il-Qorti pero' ma tikkondividix dina s-sottomissjoni 'l ghaliex galadarba Gollcher nomine ma kienx responsabbli ab initio, l-attur nomine ma kienx intitolat li jharrku fl-ewwel lok u kien messu ra kif ghamel u ivverifika l-imsemmija "joint tally sheet" qabel ma intavolata l-kawza.

Dwar il-bqija tal-meritu, jirrizulta li s-"survey" maghmul mis-"surveyor" Buttigieg gie kondott qabel ma sehh ir-rilaxx tal-imsemmija vetturi u ghalhekk meta dawn ghamlu xi zmien fil-pussess tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited u ghalhekk ukoll kienu fil-kustodja taghha.

L-argument ewlieni in proprio difesa li gie sollevat mill-konvenut Abela nomine huwa li l-"Gate Pass Out" riferibbli ghall-konsenja de quo ma jgib ebda rimarki fuqu u ghalhekk ifisser li jekk kien hemm xi danni f'nuqqasijiet, dawn ma sarux meta l-vetturi kienu depozitati ghandu.

Issa huwa minnu li dokument bhalma huwa l-"Gate Pass Out" johloq presunzjoni li tikkostitwixxi wkoll prova valida dwar dak li jkun jikkontjeni, izda tali prova tibqa' wahda "juris tantum" u mhux assoluta. Multo magis meta l-provi juru l-propriju l-maqlub u meta inoltre jirrizulta li l-hrug ta' dan il-"Gate Pass Out" ikun sar b'mod legger u sempliciment biex ikun sar. Hekk bizzejjed wiehed jezamina dak li xehed Mark Mifsud, delivery clerk mas-socjeta' konvenut The Cargo Handling Co. Ltd (fol. 65 – 66) biex wiehed jara kif sar dan id-dokument,

Fol. 65

> "Jiena jekk ma jigbdulix l-attenzjoni tieghi, biex nara jekk hemmx xi haga bin-nieqes, il-karozzi ma nezaminahomx, u f'dan il-kaz allura ma ezaminajthomx lanqas."

Il-"Gate Pass Out" ma jsirx fl-interess ta' wahda mill-partijiet interessati imma fl-interess tal-partijiet kollha. Li kieku rrizulta li dan l-iskrivan qeda dmiru sewwa billi huwa wkoll ezamina l-konsenja qabel ma din giet rilaxxjata, allura l-valur probatorju u l-piz li kien allura jinghata lill-"Gate Pass Out" kien ikun qawwi, izda dan mhuwiex il-kaz.

> Minbarra dan, galadarba l-vetturi ma kienux mahzuna jew mizmuma fl-apert mhuwiex lanqas il-kaz li jigu invokati r-Regolamenti tal-Port kif pretiz mill-konvenut Abela nomine. Jidher invece li r-responsabbilita' tad-danni kienet fuqu u li hemm provi sufficjenti li juru li ghandu jwiegeb ghall-hlas taghhom l-istess konvenut Abela nomine u hadd izjed."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited. L-aggravju taghha hu dak solitu f'kazi ta' din ix-xorta. L-appellant nomine jittanta jiskredita l-attendibbilita' tat-tally sheet li ma kienet turi l-ebda rimarka negattiva dwar il-kundizzjoni tal-vetturi fil-mument meta dawn kienu qed jigu skarikati minn fuq il-vapur u rilaxxjati f'idejn is-socjeta' appellanti. Kien naturalment f'dak il-mument illi r-responsabbilita' ghall-kustodja tal-vetturi ghaddiet minn idejn il-vapur ghal idejn is-socjeta' appellanti u kien allura kjarament essenzjali ghaliha illi tattakka b'success il-kredibbilita' tat-tally sheet ghaliex dan fil-verita' kien jiccertifika l-kundizzjoni tal-vetturi fil-mument tal-konsenja. Mill-banda l-ohra s-socjeta' appellanti fir-rikors tal-appell tinsisti fuq il-korrettezza u l-attendibbilita' li kellha tinghata lill-Gate Pass Out li wkoll kien wiehed ghal kollox nadif u li, fil-fehma tal-istess appellant nomine, kellu jittiehed li jiccertifika l-kundizzjoni tal-vetturi fil-mument meta dawn gew rilaxxjati f'idejn l-importatur.

Is-socjeta' appellanti qeghda pero' tipprova tiddefendi dak li ma setax minnha jigi fic-cirkustanzi difiz. Dana ghar-raguni semplici illi tinstab

rinfaccjata bil-fatt inkontestat u inkontestabbli illi l-vetturi gew effettivament konsenjati f'idejn l-importatur meta kienu diga' riskontrati fihom il-hsarat u n-nuqqasijiet reklamati f'din l-istanza. Nonostante allura r-rilaxx tal-Gate Pass Outs nadif hu mill-provi bla dubbju stabbilit illi dawn il-hsarat u nuqqasijiet kienu diga' jezistu fil-mument meta s-socjeta' appellanti kkonsenjat il-vetturi lill-importatur. Dana l-fatt kien jirrizulta minn survey li sar waqt illi l-vetturi kienu ghadhom in kustodja tas-socjeta' appellanti. Din il-prova tfarrak il-prezunzjoni "juris tantum" tal-kontenut tad-dokument portwali li, f'cirkustanzi ohra fejn kollox isir skond ir-regola u b'korrettezza, kellu jitqies li jikkostitwixxi prova tal-kundizzjoni tal-merkanzija fil-mument meta dak id-dokument portwali jkun qed jigi rilaxxjat. Hu notat illi r-responsabbilita' ghall-hrug ta' dan id-dokument portwali kien principalment tas-socjeta' appellanti in kwantu kienet hi li tirredigih u tirrilaxxjah. Filwaqt li hu minnu illi r-rapprezentant tal-importatur kien jiffirma d-dokument fil-mument meta tkun qed tigi lilu konsenjata l-merkanzija u kien allura b'dak l-att qieghed jattesta li hu kien qieghed jircievi l-istess merkanzija fil-kundizzjoni kif certifikat fil-Gate Pass Out, hu ormai stabbilit mill-gjurisprudena illi kien hemm zmien fit-thaddim tal-Port fejn is-socjeta' appellanti kienet tinsisti li l-importatur jaccetta Gate Pass Out nadif nonostante li jkun hemm ic-certezza – kif kien hemm fil-kaz taht ezami – ili l-merkanzija kienet fil-mument tar-rilaxx taghha aflitta mill-hsarat u danni.

Gustament allura f'din il-gjurisprudenza li ghaliha ssir hawn riferenza bla htiega ormai li tigi wkoll indikata gie enuncjat il-principju illi l-Gate Pass Out kellu jikkostitwixxi prova tal-kontenut tieghu biss sakemm tali prova ma tkunx pozittivament zmentita permezz ta' provi ohra li serjament ipoggu fid-dubju u jimminaw l-attendibbilita' tieghu. Principju dan li del resto japplika wkoll ghal kull prova skritta ohra bl-applikazzjoni tal-principji generali tad-dritt. Inhasset pero' l-htiega li fil-kaz tal-Gate Pass Out dan il-principju jigi moghti rizalt proprju minhabba s-sitwazzjoni li kif inghad kienet f'certu zmien tezisti fit-thaddim tal-Port u li kienet ikkonvertit abbuz sistematiku fi prattika a vantagg tas-socjeta' appellanti proprju biex tezimiha minn kull responsabbilita' ghal danni li indubjament ikunu graw waqt li l-merkanzija tkun fil-kura u kustodja taghha. Hu veru li l-istess principju jista' jinghad li japplika ghal valur probatorju tat-tally sheet u dan hu gustament ribadit mill-appellant nomine.

Mill-banda l-ohra pero' filwaqt illi fir-rigward tal-Gate Pass Out inattendibbilita' tieghu f'dan il-kaz hi manifesta ghax hu skreditat ghal kollox mill-provi prodotti, mhux lanqas kif inghad mis-survey tal-vetturi li saret waqt li dawn kienu ghadhom fil-pussess tas-socjeta' appellanti, mhux l-istess jista' jinghad ghar-rigward tal-joint tally sheet. Dan infatti sar mir-rapprezentant tas-socjeta' appellanti flimkien mar-rapprezentant tal-vapur. Certament ma setax allura jallega l-appellant nomine illi dan id-dokument gie redatt b'mod legger u minghajr ma nghatat id-debita

attenzjoni lill-kundizzjoni tal-vetturi. Dan proprju ghaliex dak id-dokument kien jiccertifika l-istat u l-kundizzjoni tal-merkanzija fil-mument meta din kienet qed tigi konsenjata f'idejn is-socjeta' The Cargo Handling Company Limited u meta allura din is-socjeta' kellha kull interess li taccerta ruhha illi l-kontenut ta' dak id-dokument portwali jkun veritier. Mill-banda l-ohra ma jidher li kien hemm l-ebda raguni li setghet timputa interess lil min irrediga t-tally sheet biex dan ma jkunx korrett. F'kull kaz kien jispetta lis-socjeta' appellanti li taccerta ruhha illi t-tally isir b'mod akkurat u m'hemm xejn x'jindika u hadd ma jallega f'din il-kawza li mhux hekk sar.

Mill-banda l-ohra hi wkoll gusta l-osservazzjoni tal-attur nomine illi din il-Qorti ma setghatx taccetta bhala attendibbli sottomissjoni illi t-tally sheet ma kienx korrettement jiccertifika l-kondizzjoni tal-vetturi ghaliex kien sar f'cirkustanzi fejn l-impjegat tas-socjeta' appellanti ma setax ilahhaq u sewwa jezamina l-vetturi fil-mument tal-izbark. Kieku dan kien minnu, l-htija kienet tkun biss tas-socjeta' appellanti li fl-interess taghha kien messha hadet hsieb biex tassigura li jkun hemm impjegati taghha bizzejjed biex jikkonducu sewwa l-ispezzjoni tal-vetturi waqt li dawn kienu qed jigu konsenjati f'idejha. Il-fatt li t-tally li sar kien wiehed "joint" u li l-impjegati tas-socjeta' appellanti kellhom kull opportunita illi jezaminaw il-vetturi f'kull process tal-izbark minn fuq il-vapur ghal fuq il-moll u l-fatt li l-istess impjegati kellhom kull dritt illi jekk jirrizultawlhom xi hsarat jew nuqqasijiet fil-vetturi jezigu li din titnizzel bhala rimarka fit-

tally u l-fatt li ma jirrizultax f'din il-kawza illi tul dan il-process ir-rapprezentant tal-vapur qatt insista li t-tally sheet ikun wiehed nadif meta bhala fatt ikunu jirrizultaw id-danni, kellhom iwasslu ghall-konvinciment illi l-"joint tally sheet" kellu sahha probatorja u qawwija li l-kredibbilita' tieghu difficilment tigi skossa. Mill-banda l-ohra sewwa jinghad illi f'dan il-kaz is-socjeta' appellanti bl-ebda mod ma tikkontesta l-kontenut tas-survey maghmul mis-surveyor tas-socjeta' assigurattrici attrici fi zmien tlett ijiem minn mindu dawn gew skarikati fuq il-vapur u konsenjati f'idejha.

Fil-fehma ta' din il-Qorti allura l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti iwassalha biex taghti affidament lit-tally sheet u tiskarta bhala inattendibbli l-gate pass out kien wiehed korrett. Din il-Qorti ma tara xejn fis-sottomissjonijiet tas-socjeta' appellanti li kkonduciha biex tiddisturba dak l-apprezzament. Ghal bqija l-aggravju tas-socjeta' appellanti jikkontjeni sottomissjonijiet li solitu jsiru f'kazijiet ta' din ix-xorta u li gew ripetutament skartati b'gudikati ta' dawn il-Qorti. Sottomissjonijiet illi fil-parti 'l kbira taghhom jaghmlu reklam ghall-applikabbilita' ta' dispozizzjonijiet tal-Port Ordinance u tal-Port Regulations fosthom dawk li jirrigwardaw il-hazna ta' vetturi fil-berah u allura, skond is-socjeta' appellanti, "at the sole risk of the owner", kif ukoll dik li l-importazzjoni tal-vetturi kellha tigi meqjusa bhala importazzjoni ta' "units" li fir-rigward taghhom is-socjeta' appellanti tippretendi li kienet biss responsabli li tikkonkonsena lura l-"units"

indipendentement mill-kontenut taghhom. Is-sottomissjoni tas-socjeta' appellanti gja' bosta drabi respinta hi fis-sens illi, fil-kaz ta' vetturi, hi ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghal kondizzjoni u l-kontenut taghhom sakemm ikun sodisfatt l-obbligu li tikkonsenjahom qua numru f'idejn l-importatur. Dawn l-aggravji qed jigu respinti wkoll ghar-ragunijiet diga' espressi minn din il-Qorti f'kawzi bil-meritu analogu fejn gew ukoll sollevati mis-socjeta' The Cargo Handling Company Limited. L-appell ghalhekk ma jirrizultax sostnut.

Ghal dawn il-motivi, s-sentenza appellata qed tigi konfermata u l-appell respint. L-ispejjez tal-prima istanza kellhom jigu kif gja' mill-ewwel Qorti decizi. Dawn ta' dan l-appell kellhom ikunu a karigu tas-socjeta' appellanti.

Dep/Reg

mg